MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1506/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1506/05ISB**

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Angelo Schembri (I.D. 558859M)
u Enemalta Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u hamsa u tmenin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1085.73), rapprezentanti danni in konnessjoni ma’ hsarat minnhom ikkagunati fuq cables tas-socjeta` attrici fi Triq Sciortino, Zebbug fis-17 ta’ Marzu 2005 bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta ipprezentata fl-10 ta’ Awissu 2005 fejn gie eccepit :

(1) illi l-istess Korporazzjoni Enemalta mhijiex il-legittimu kuntradittur stante li x-xogholijiet in kwistjoni gew esegwiti minn kuntrattur indipendenti skond kuntratt anness u mmarkat DOK Ene 1, liema kuntratt (u senjatament klawsola 10) jipprovdi li danni li jistghu jirrizultaw mix-xogholijiet in kwistjoni huma interament u unikament responsabbilita` tal-kuntrattur ;

(2) Illi subordinament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` attrici ;

Ra r-risposta tal-konvenut Angelo Schembri pprezentata fl-4 ta’ Novembru 2005 fejn gie eccepit illi

(1) huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa esegwixxa x-xoghol ta’ thaffir fuq struzzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta,

(2) Illi bla pregudizzju , it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fi-dritt stante, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma kien hemm ebda cable ghaddej fil-post fejn hu gie mqabbad ihaffer ;

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet, tax-xhiedha prodotti u tal-provi kollha mressqa;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri u ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi **Dr. Keith Grech** b'affidavit datat 16 ta' Dicembru 2005 (Dok A) qal illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u tmenin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1085.73) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-propjeta` tas-socjeta` attrici konsistenti f'cables tat-telefon fi Triq Sciortino, Zebbug, liema hsarat gew ikkawzati f'Marzu 2005. Il-kuntrattur imqabbad mil-Korporazzjpni fuq ix-xoghol de quo huwa l-konvenut Angelo Schembri.

Illi **Victor Busuttil** b'affidavit datat 16 ta' Dicembru 2005 (Dok B) xehed illi f' Marzu 2005 giet ikkawzata hsara lill-cables tas-socjeta` kummercjali Maltacom plc, liema cables kienu jinstabu fi Triq Sciortino Zebbug. Din il-hsara giet ikkawzata mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta, Angelo Schembri. Is-socjeta` attrici ma kienitx giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista` jsir, u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn kienu jinstabu l-cables, jew taghti informazzjoni dwar l-istess.

Illi **Brian Brincat** b'affidavit datat 16 ta' Dicembru 2005 (Dok C) xehed illi nhar it-18 ta' Marzu 2005 huwa ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zebbug dwar hsarat ikkawzati lill-cables tas-Socjeta` kummercjali Maltacom plc, liema cables kienu jinstabu fi Triq Sciortino kantuniera ma' Triq l-Infetti, Zebbug. Din il-hsara giet ikkawzata mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta Angelo Schembri (kopja tar-rapport intern datat 21 ta' Marzu 2005 immarkat bhala Dok C1 anness).

Ili l-**Ing. Frank Baldacchino** b'affidavit datat 16 ta' Dicembru 2005 (Dok D) xehed illi f'Marzu 2005 giet ikkawzata hsara lill-cables tas-socjeta` kummercjali

Maltacom plc, liema cables kienu jinstabu fi Triq Sciortino kantuniera ma' Triq l-Infetti Zebbug. Din il-hsara giet ikkawzata mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta Angelo Schembri. Is-socjeta` attrici ma kienitx mitluba illi taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista` jsir u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn kienu jinstabu l-cables. Nhar it-18 ta' Marzu 2005 sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zebbug dwar l-imsemmija hsarat. L-ammont dovut huwa kompost minn Lm332.63 bhala spejjez materjali u Lm587.48 bhala labour cost, flimkien ma' Lm165.62 VAT.

Ili **Paul Aquilina**, *Credit Control Officer* tas-socjeta` attrici xehed b'affidavit wkoll u kkonferma fattura 18349 fl-ammont ta' Lm1085.73 fil-konfront ta' Angelo Schembri, liema fattura kienet ghadha mhux imhallsa.

Ili **PS 403** ikkonferma r-rapport esebit a fol 43 (Dok UG1) bid-dettalji kollha li fih – u sostna illi l-konvenut Angelo Schembri kien qallu fil-kors ta' l-investigazzjoni illi haffer biss fejn qallu l-Foreman ta' l-Enemalta.

Illi r-rapport tal-Pulizija jghid wkoll, kif inoltre jixhed PS 403 – illi Angelo Schembri ma kienx jaf li hemm cables tal-Maltacom ghaddejjin minn fejn l-Enemalta qaltlu biex ihaffer. Ir-Rapport jghid ukoll – "it was clearly noticed that the damage was caused whilst digging up the hole".

Illi l-**Ispettur Jesmond Borg** ikkonferma r-rapport tieghu a fol 45 – liema rapport huwa bbazat fuq ir-rapport tas-Surgent.

Illi **Jesmond Grech**, foreman mas-socjeta` Enemalta xehed (fol 83 et seq) illi mmarkaw xi arbli hdejn l-Iskola ta' Haz-Zebbug sabiex il-kuntrattur Angelo Schembri jhaffer hofor ghall-arbli – u ntlaqtu cables tal-Maltacom plc. Hu qal illi darba l-kuntrattur jinghata x-xoghol, allura qabel jibda` ghandu jara dejjem jekk ikunx hemm servizzi ghaddejjin.

Illi l-konvenut **Angelo Schembri** kkonferma l-kuntratt tieghu ma' l-Enemalta – Dok ENE1. Qal illi l-foreman ta' l-

Enemalta kien mar mieghu jimmarka fejn ried l-arbli u l-ghada esegwixxa x-xogholijiet.

Illi l-konvenut jghid illi “qabel ma rgajt poggejt l-arblu fil-post, kont gibt lil tal-Maltacom u mmarkawli fejn kellu jsir l-arblu. Meta gew tal-Maltacom jimmarkawli, huma mmarkaw posizzjoni aktar il-barra minn fejn kien”. Jghid wkoll illi “L-ewwel darba ma kontx gibt lil tal-Maltacom, ghax meta uzajt id-detector tieghi, ma kienx immarkali illi kien hemm xi servizzi ghaddejin“.

Ikkunsidra ulterjorment :

Dok ‘ENE 1’ – illi huwa l-kuntratt illi jirregola r-relazzjoni kontrattwali bejn il-konvenuti in segwitu ghall-adjudication tat-tender ghax-xogholijiet de quo, u partikolarment klawsola 2 (b) li tghid – *The Contractor shall ensure that he has all the necessary information regarding any services, which might be located in/near the area to be excavated. It will be assumed that no excavation can be done before the exact location of services pertaining to Government, parastatal or private entities is carried out for such reasons contractors shall be equipped with cable and pipe detectors*, u klawsola 10 li tghid illi l-kuntrattur *shall be responsible for any damages that may be caused to Enemalta, Government and Private Property during the execution of the contract*.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi minn ezami reqq tad-dokumenti kollha esebiti u x-xhiedha kollha prodotti jirrizulta illi saret hsara lill-cables tal-Maltacom plc waqt xogholijiet esegwiti mill-konvenut Angelo Schembri.

Illi jirrizulta illi qabel ma beda x-xogholijiet, l-kuntrattur konvenut ma talabx lill-Maltacom plc jimmarkaw minn fejn huma ghaddejjin il-cables – haga illi saret biss it-tieni darba illi twahhlu l-arbli.

Illi meta saru l-marki tal-Maltacom plc fit-tieni darba, jirrizulta mhux kontestat anke mir-ritratti esbiti, illi l-marki kienu lill hinn minn fejn saru t-toqob originarjament.

It-Tribunal iqis illi l-Korporazzjoni Enemalta ma ghandiex htija f’dan l-akkadut u ma ghandiex tinzamm responsabbli ghall-hsarat mertu ta’ din il-kawza.

Jinkombi issa fuq it-Tribunal jara jekk mill-provi kollha prodotti ghandux jigi dikjarat responsabbli l-kuntrattur konvenut Angelo Schemrbi.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi filwaqt illi fix-xhiedha tieghu, Angelo Schembri jghid illi uza detector – pero` mkien fir-rapporti – la ta’ l-EneMalta, la tal-Maltacom u wisq anqas tal-Pulizija illi kellmuh gurnata wara l-akkadut – ma jirrizulta illi huwa stqarr dan. It-Tribunal isibha difficli biex jemmen din il-versjoni aktar u aktar meta hemm xhiedha illi jindikaw illi l-kuntrattur stqarr illi gew indikati lilu l-postijiet – u hu haffer.

Illi l-argument tal-konvenut illi l-marki tal-Maltacom stess saru lil hinn mit-toqob lanqas ma jregi – dan ghaliex fl-ewwel lok kien biss fit-tieni darba illi talab lil-Maltacom taghmel il-marki u fit-tieni lok peress illi id-distanza, kif tidher mir-ritratt mhux kbira izda ta’ biss ftit centimetri- u huwa risaput illi trid tinzamm distanza ta’ almenu nofs metru kull naha tal-marka.

Finalment it-Tribunal ihoss illi kuntrattur messu jien jaf illi kelli jitlob lil Maltacom sabiex jimmarkaw qabel u mhux wara illi jezegwixxi x-xoghol.

Fuq kollox kif stipulat fil-kuntratt – il-kuntattur huwa responsabbli ghall-hsarat maghmula waqt l-esekuzzjoni tal-kuntratt.

Il-hsara lill-Maltacom plc saret u tal-hsara maghmula lilha - gia la darba ma hemmx nuqqas da parti taghha, lanqas kontributorja – hija ghandha tigi kkumpensata.

It-Tribunal ihoss illi kien il-konvenut Angelo Schembri, il-kuntrattur, responsabbli ghall-hsarat u dan sia minhabba l-obbligi kontrattwali tieghu u sia wkoll ghal nuqqasijiet tieghu fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-process kollhu, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni EneMalta, jichad dawk tal-konvenut Angelo Schembri u jilqa` t-talba attrici fil-konfront ta’ l-istess Angelo Schembri, b’dan illi jordna lill-istess konvenut Angelo Schembri jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u hamsa u tmenin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1085.73) ghar-ragunijiet msemmija, bl-imghax mid-data tal-lum.

Bl-ispejjes kollha li ghandhom jigu sapportati mill-konvenut Angelo Schembri, ghajr dawk relatati mal-Korporazzjoni konvenuta EneMalta li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------